**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1409/2016 AF**

**Jerome Grech**

**vs**

**Talal Naser Talal El Abdullah**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jerome Grech, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti zzomm lil Talal Naser Talal El Abdullah milli jaghmel u jkompli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp u/jew kostruzzjoni fuq dawk il-partijiet tal-bejt tal-blokk bl-isem "Saint George's Flats" fi Triq il-Ghajn, Swieqi li mhumiex propjetà esklussiva tieghu u dan bi pregudizzju tad-drittijet tal-esponent.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Talal Naser Talal El Abdullah.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti huri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Fil-kaz in ezami jirrizulta inkontestat illi l-intimat qieghed jaghmel xogholijiet li jestendu fuq il-parti tal-bejt li tigi effettivament saqaf ta' tarag komuni, b'hekk fuq arja ta' proprjetà komuni. L-intimat ma gab lill-Qorti ebda prova li l-imsemmija arja giet minnu akkwistata, mentri jirrizulta mill-pjanta annessa mal-kuntatt ta' akkwist tar-rikorrenti illi huwa effettivament komproprjetarju tal-arja *de quo*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju, kwistjonijiet ta' pussess u access effettiv huwa irrilevanti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ definittivament it-talba kontenuta fir-rikors tad-29 ta’ Settembru 2016.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

IMHALLEF